

Sensiela Mro. Willie Attard (1899-1970)




# INNU TIFĦIR LIL SAN ĠUŻEPP - l-ewwel parti

Astratt: Din hija sensiela ta' kitbiet fuq ħajjet u ħidmet is-surmast Willie Attard bħala mużiċist, għalliem, kompożitur, u surmast-direttur ta' diversi baned Maltin u Għawdxin fosthom, is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp tal-Ħamrun, li dam imexxieha għal kważi tletin sena sħaħ! Għaldaqstant, dis-sena qed nagħti bidu għal din is-sensiela ta' kitbiet proprju f'għeluq il-45 anniversarju mill-mewt tiegħu li ġrat nhar it-3 ta' Marzu 1970. Kulmin f'Marzu li għadda nzerta attenda għas-serata mużikali li saret ġewwa s-seda tas-Soċjetà seta' jisma' u japprezza wħud mill-aqwa xogħlijiet ta' dan il-kompożitur fosthom, l-*Innu Tifħir lil San Ġużepp*.

Kitbieti ser ikunu varji fil-kontenut tagħhom u li jinkludu tagħrif biografiku, storiku, analitiku, jew xort' oħra li, fil-fehma tiegħi huma ta' interess partikolari għal dawk il-qarrejja kollha li jridu jkunu jafu aktar affarijiet ġodda dwaru. Naturalment, proġett bħal mhu dan jieħu ż-żmien tiegħu biex tkun tista' tinġabar l-informazzjoni kollha possibli fosthom, intervisti, ġbir jew self ta' ritratti u dokumenti oħra, riċerka minn fuq kotba u ġurnali lokali ta' żmienu.

Parti interessanti oħra f'dal-proġett ser tkun tinkludi l-analiżi mużiko-storika ta' xogħlijietu. Dan ser ikun qed nagħmlu bl-iktar mod ħafif safejn hu possibli bla ma nidħol f'dettalji żejda, speċjalment fejn jidħol kliem tekniku. Iżda fl-istess waqt, nixtieq ukoll li, dawn il-kitbiet tiegħi jservu għalbiex jedukaw lil dak li jkun bil-għan li jibda japprezza x-xogħlijiet sbieħ ta' Mro. Willie Attard u fuq kollox, l-arti sabiħa tal-mużika.

Kliem muftieħ: Innu Kbir, Innu *di Gloria*, Innu Tifħir, Innu Tifħir lil San Ġużepp, Mro. Willie Attard, Dun Frans Camilleri, Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' Ħamrun, Società Filarmonica 'La Vittoria' Mellieħa, Soċjetà Mużikali Banda 'San Pio X' Lija.

Wieħed mill-aqwa xogħlijiet mużikali li s-surmast Willie Attard ħalla lis-Soċjetà huwa l-*Innu Tifħir lil San Ġużepp*. Dan l-Innu l-Kbir, fuq versi tal-poeta Dun Frans Camilleri, il-kompożitur kien irregalah lis-Soċjetà Ġużeppina proprju bħas-sena l-oħra sittin senu ilu waqt is-serata mużikali ta' nhar il-Ħamis **14 ta' Ottubru 1954**. Infatti, dan il-kunċert vokali u strumentali, li sar fis-sala l-kbira tal-Każin, kellu jiċċelebra għeluq il-25 sena ta' Mro. Willie Attard bħala surmast-direttur ta' din l-ewwel banda Ħamruniża.[1] Tajjeb

[1] Skont Joseph Mifsud Matrenza, l-istorjografu tas-Soċjetà, fil-ktejjeb li kien ħareġ fl-1964 għall-okkażjoni tal-75 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà, jgħidilna li, is-surmast Willie Attard kien inħatar surmast-direttur tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp tal-Ħamrun nhar id-**9 ta' Ottubru 1929**. Jekk inhuwa hekk, allura s-sena 1954, li fiha sar dan il-kunċert kommemmorattiv, tabilħaqq kienet timmarka l-25 sena mill-ħatra tiegħu. Għandi nifhem li, kemm il-Kumitat ta' dak iż-żmien, kif ukoll is-surmast innifsu qablu dwar din id-data daqstant importanti. Iżda mill-banda l-oħra, l-istess awtur, did-darba fil-ktieb li kien ħareġ 25 sena wara għall-okkażjoni taċ-ċentinarju mit-twaqqif tal-istess Soċjetà jgħarrafna f'paġna 17 li, 'Mro. Attard laħaq surmast tal-banda f'Ottubru 1928'! Jekk inhuwa hekk, allura l-kunċert kommemmorattiv ġie sena wara l-25 sena anniversarju. Biex inkompli inżid ma' dan li qed ngħid, f'paġna 23 tal-istess ktieb li kien ħareġ f'għeluq il-100 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà,

ngħidu hawnhekk li, f'dan il-kunċert indaqqew ukoll żewġ xogħlijiet oħra minn tiegħu, il-*Queen Elisabeth II* (Scherzo Sinfonico)[2] u *I Due Amici* (Polka). Waqt dal-kunċert ukoll, kienu ndaqqew xogħlijiet mir-repertorju ta' Bartolucci, Handel, Ketèlbey, Puccini, Rossini u Verdi. Skont artiklu minn *staff reporter,* intitolat *Presentation Ceremony at the Ħamrun Band Club,* u li kien deher f'paġna 7 tal-ġurnal *The Times of Malta* tas-Sibt 16 ta' Ottubru 1954, dakinhar kienu ħadu sehem it-Tenur Joe Zammit Harrison (1911-95), u l-Baxx A. Bartolo, kif ukoll il-kor tal-Ħamrun. Min-naħa tagħha, is-sopran Hilda Tabone (1932-78) kienet kantat ukoll xi arji mir-repertorju operistiku tagħha, akkumpanjata mill-pjanista Yolanda Abela. L-artikolista jkompli jirraporta li, meta l-Innu l-Kbir kien wasal fl-aħħar battuti tiegħu, in-nies preżenti, li dakinhar ħonqot is-sala mżejna għall-okkażjoni, infexxet f'ċapċip kbir għal dal-kapolavur il-ġdid tas-surmast Attard. Dil-ġawhra mużikali għadna nistgħu ngawduha sal-ġurnata tallum billi ta' kull sena, għall-festa ta' San Ġużepp, Patrun tal-istess Soċjetà, tindaqq fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali bil-vuċijiet b'kollox waqt li l-purċissjoni bil-vara tal-Patrijarka tkun dieħla lura.



Kronoloġikament, l-*Innu Tifħir lil San Ġużepp* jiġi r-raba' u l-aħħar wieħed minn sensiela ta' xogħlijiet li Mro. Attard kiteb f'dan il-ġeneru. Infatti, l-ewwel wieħed ta' dan it-tip li qatt ħareġ mill-pinna tiegħu huwa l-Innu l-Kbir *A Maria Vergine* għall-Banda *La Vittoria* tal-Mellieħa, fuq versi tal-Avukat Ġorġ Żammit. Dan l-innu, f'forma ta' Kantata[3] bil-vuċijiet iġib id-data ta' meta tlesta tas-7 ta' Lulju 1945. Sena wara kkompona t-tieni wieħed iddedikat lill-*Madonna tas-Sokkors*, festa li tiġi ċċelebrata fil-parroċċa ta' Kerċem, Għawdex. Dan l-Innu l-Kbir kien indaqq għall-ewwel darba f'Lulju tal-1946 fl-okkażjoni tal-100 sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Parroċċa. Il-versi tiegħu huma ta' Giuseppe Serafin Cutajar. L-Innu l-Kbir l-ieħor *Alla B.V. Maria Assunta in Cielo* kitbu fuq versi wkoll tal-poeta Għawdxi, Giuseppe Cutajar. Indaqq għall-ewwel darba fiż-Żebbuġ (Għawdex) fil-festa ta' Sta. Marija t'Awwissu tal-1949. Minn dan kollu naraw li, tliet minn erba' innijiet kbar li huwa kiteb huma ddedikati lill-Madonna filwaqt li, ir-raba' u l-aħħar wieħed biss huwa ddedikat lil xi qaddis ieħor, li mhu ħadd ħlief San Ġużepp!

**X'nifhmu b'Inni Tifħir?**

Bħala ġeneru, *Inno di Gloria* jew *Innu Tifħir,* jonkella sempliċiment *Innu l-Kbir* huwa bħal Kantata f'repertorju klassiku u li jikkonsisti f'xogħol mużikali, aktarx b'tema reliġjuża marbuta mal-ħajja tal-Qaddis/a li għalih/a tkun qed issir il-festa. Xogħol simili ikun intiż għal vuċijiet solisti fi stil operistiku hekk imsejjaħ *bel canto* peress li fih il-kant ikun tabilħaqq floridu. Dawn il-vuċijiet ikunu akkumpanjati minn kor magħmul, jew minn tfal (bniet u subien), jew adulti (irġiel u nisa), imma li aktarx ikantaw fl-unisonu[4] u qajla jingħataw partijiet mużikali differenti. Peress li, Innu *di Gloria* jindaqq barra fuq xi planċier artistiku, u mhux ġewwa knisja, dan jindaqq minn banda mdaqqsa jew kbira.

---

l-awtur jkompli jgħarrafna li, 'Is-surmast Miruzzi esegwixxa l-aħħar kunċert bandistiku tiegħu fit-30 ta' Settembru 1928.' Jista' jkun għal din ir-raġuni li, Mifsud Matrenza innota li kien hemm din id-diskrepanza u ikkoreġieha. Jista' jagħti l-każ ukoll li, Mifsud Matrenza qagħad fuq it-tagħrif mogħti minn Robert Mifsud Bonnici meta f'paġna 69 tal-ktieb tiegħu *Ġrajja ta' Baned* (1957) jgħidilna li, 'fid-9 ta' Ottubru 1928 ġie (qed jirreferi għas-surmast Willie Attard) maħtur surmast direttur tal-Banda S. Ġużepp, il-Ħamrun.' Hu x'inhu l-każ, il-ħatra ta' Mro. Willie Attard bħala surmast-direttur fl-1928 tagħmel sens peress li s-surmast ta' qablu, Mro. Antonio Miruzzu kien iddimetta minħabba l-età fl-istess sena u kien hu stess li ta parir lill-Kumitat ta' dak iż-żmien biex jaħtru lil Mro. Attard bħala s-suċċessur tiegħu. B'hekk, il-Kumitat kien moħħu mistrieħ li l-bakketta ser tgħaddi minn id għall-oħra bla ebda skossi bil-konsegwenza li, din it-transizzjoni ser tissarraf f'kontinwità f'dik li hi direzzjoni tal-banda. Iżda, l-aqwa dokument jagħtihulna Grazio Anton Grech meta, fil-ktejjeb tiegħu *14-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u barranin*, paġna 45, jgħidilna li, 'Fis-27 ta' Jannar, 1929, Mro. Willie Attard dderieġa l-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun fi programm f'ġieħu - *in onore del nuovo direttore*, avolja bħala assistent-surmast kien diġà dderieġa lil din il-banda.' Dan peress li kien deher avviż ta' dan il-programm fuq il-ġurnal *Malta* tlitt ijiem qabel.

[2] Dan ix-xogħol mużikali kien kitbu fl-1953 fl-okkażjoni tal-inkoronazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II.

[3] Din tkun tikkonsisti f'xogħol mużikali aktarx mibni fuq tema reliġjuża għal vuċijiet u b'akkumpanjament strumentali.

[4] Daqq jew kant minn strumenti jew vuċijiet differenti imma li jaqblu fil-leħen, fit-ton, u fl-istess noti mużikali.

F'dik li hi nisġa mużikali mbagħad, l-Innu *di Gloria* jkun imħawwar tajjeb b'passaġġi pjuttost elaborati, u li jinkludu xalata ta' arji[5], dwetti[6], saħansitra terzetti[7], min-naħa tal-vuċijiet solisti. Fih ma jonqsux ukoll xi solijiet jew kadenzi[8] fuq xi strument jew ieħor u fanfarri[9] li jannunzjaw il-miġja ta' xi waqt importanti. Xogħol bħal mhu dan ikun jirrikjedi tip ta' melodija li, bil-ksur u l-ħlewwa tagħha, tagħraf tpaxxi 'l-widna, armonija mħaddma b'tali mod li tista' toffri tiżwiq mhux tas-soltu f'dawk li huma akkordji[10], u orkestrazzjoni rikka biex tgħin lix-xogħol joħroġ aktar fil-perspettiva tiegħu. Ġieli wkoll, it-tħaddim tal-kontrapunt[11] u għodod mużikali oħra ma jonqsux f'xogħol bħalma hu dan.

Fil-ħarġa li jmiss mis-sensiela Mro. Willie Attard (1899-1970) tas-sena d-dieħla ser inkunu qedin nagħtu ħarsa dettaljata lejn il-partitura oriġinali tal-*Innu Tifħir lil San Ġużepp* li tinsab arkivjata fl-arkivju tas-Soċjetà. Ta' kull sena, din tinħareġ minn postha għalbiex tindaqq waqt il-programm vokali u strumentali li jsir fuq iz-zuntier nhar il-festa ta' San Ġużepp li taħbat fl-ewwel Ħadd ta' Mejju.

REFERENZI

Grech Grazio Anton: 14-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u barranin – Għawdex 1998.

Mifsud Matrenza Joseph: Għaqda Mużikali San Ġużepp Ħamrun – Storja u ritratti fuq tagħrif miġbur 1989.

Vella Bondin Joseph: Il-mużika ta' Malta fis-sekli dsatax u għoxrin – Pubblikazzjoni Indipendenza (PIN) Malta 2000.

[5] Silta minn opra, oratorju jew xogħol vokali ieħor li titkanta minn kantant solista.
[6] Silta mużikali li titkanta minn żewġ vuċijiet jew strumenti.
[7] Silta mużikali għal tliet vuċijiet jew strumenti.
[8] Jikkonsisti f'passaġġ vokali jew strumentali li juri l-ħila teknika ta' kantant/a jew strumentalist.
[9] Biċċa mużika qasira tindaqq bil-qawwi li normalment jdoqquha t-trumbetti f'xi parata militari.
[10] Għadd ta' noti li flimkien jagħmlu armonija.
[11] Għaqda ta' żewġ melodiji jew aktar b'figuri ta' noti differenti li meta tqiegħdhom flimkien dawn jagħmlu sens mużikali.